# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 9 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 11**

**Rikors Guramentat Numru:- 673/2022 JVC**

**Viki Kay Croft nee` Savage Id. 367620L**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Viki Kay Croft li talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti twieldet nhar l-ewwel ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (01/11/1979) gewwa l-

Ingilterra u inghatat l-isem Viki Kay Savage (certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok A);

2. Illi hija zzewget lil Leslie Dale Flitcroft nhar l-erbgha ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta` (04/07/2006) u dan kif jirrizulta miccertifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkati Dok B u dak izzmien kienet zammet kunjom xbubitha ossia 'Savage';

3. Illi fit-tlieta u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (23/03/2007), b'deed poll mill-Ingilterra, hi u zewgha biddlu kunjomhom ghal 'Croft' (Dok C u C1 annessi) u minn dak izzmien sal-lum, l-esponenti kienet dejjem maghrufa b'dan l-isem u dan kif anke jaqra l-passaport taghha, kopja ta' liema jidher f'Dok H anness;

4. Illi miz-zwieg taghha ma' Leslie Dale Croft, fil-fatt twieldu tliet itfal, Ryder Croft, Farrah Croft u Piper Croft u dan kif anke jirrizulta mic-certifikati tat-twelid taghhom hawn annessi u mmarkati Dok D, E u F rispettivament;

5. Illi fit-tnax ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (12.06.2020), lesponenti anke inghatat ic-cittadinanza Maltija bl-isem 'Viki Kay Croft' u dan kif del resto jirrizulta minn Dokument G anness;

6. Illi ghaldaqstant, kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi l-esponenti ilha sa mis-sena 2007 maghrufa bl-isem Viki Kay Croft; u fil-fatt ghall-Istat Malti, hija kienet dejjem maghrufa b'dan lisem, inkluz f'dokumenti ufficjali mahruga minn Dipartimenti lokali, inkluz l-karta relattiva ghar-residence permit taghha (Dok H), il-kontijiet tad-dawl u ilma (Dok I), dokumenti tat-Taxxa (Dok J) u anke fir-registru elettorali lokali, hija tidher bhala 'Viki Kay Croft' (Dok K);

7. Illi madanakollu, il-karta tal-identita` Maltija taghha (Dok L) u l-licenzja tas-sewqan taghha (Dok M) ghadhom qed jaqraw bhala Viki Kay Savage; liema fatt qed jikkawza konfuzjoni;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrenti huwa "Viki Kay Croft";

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid, taz-zwieg u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi indikat u tkun maghrufa bhala "Viki Kay Croft", kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet f'isem ir-rikorrenti kull fejn jirrizulta u ikun hemm l-htiega;

4. Tordna lill-konvenut iwettaq l-imsemmija korrezzjonijiet.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi jibda billi jingħad illi r-rikorrenti naqset milli tindika fuq liema artikolu legali qegħda ssejjes l-azzjoni tagħha, u għalhekk l-esponent jitlob li r-rikorrenti tindika dan sabiex huwa jkun f'pożizzjoni aħjar sabiex jevalwa t-talbiet tagħha. F'dan l-istadju,

tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-esponent qed jirriżerva li jqajjem eċċezzjonijiet ulterjuri jekk tirriżulta l-ħtieġa;

2. Illi f'każ li r-rikorrenti qed issejjes l-azzjoni tagħha fuq l-artikolu 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi illi l-azzjoni tagħha hija improponibbli stante illi in effetti, l-att taż-żwieġ tagħha għadu mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. L-artikolu 253(1) jgħid testwalment li "Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi." It-talba tar-rikorrenti għalhekk ma tista' tinkwadra bl-ebda mod taħt dan l-artikolu, stante illi mhix qed titlob korrezzjoni f'att li huwa rreġistrat, u lanqas qed tallega illi d-Direttur intimat irrifjuta li jirreġistra l-att tat-twelid tagħha;

3. Illi bla ħsara għall-premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti xorta waħda tagħżel li tisma' l-mertu tal-każ odjern, l-esponent jiddikjara li għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, huwa m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat, u li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ

4. Illi mir-rikors promotur jidher illi skont l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Renju Unit, liema att ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta a bażi tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili, fejn l-esponent irreplika l-partikolaritajiet indikati fuq l-att esteru *ad verbatim* fuq l-att tat-twelid lokali nnumerat 3676/2020, ir-rikorrenti Viki Kay Savage twieldet fl-1 ta' Novembru 1979 fir-

Renju Unit lil Ernest Anthony Savage u lil Claire Savage, *at birth* Marsden;

5. Illi mill-Att taż-Żwieġ Britanniku tar-rikorrenti, jirriżulta li fl-4 ta' Lulju 2006 hija żżewġet lil ċertu 'Leslie Dale Flitcroft' fir-Renju Unit, madanakollu skont *deed polls* datati 23 ta' Marzu 2007, kopji ta' liema ġew annessi mar-rikors promotur tar-rikorrenti u mmarkati Dok. C u Dok. C1, jidher li r-rikorrenti u żewġha irrinunzjaw għal kunjom li kienu magħrufin bih u li adottaw il-kunjom 'Croft';

6. Illi tali bidla jidher illi hija riflessa f'diversi dokumenti appartenti lir-rikorrenti, kopji ta' liema ġew annessi mar-rikors ġuramentat promotur tagħha, u li hija riflessa wkoll fuq l-atti tat-twelid ta' uliedha kollha, inklużi Farrah u Piper li twieldu f'pajjiżna. Jingħad pero' illi l-atti tat-twelid hawn imsemmijin ġew redatti skont l-informazzjoni pprovduta mill-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni tat-twelid, a bażi tad-dokumenti tan-notifika tat-twelid, u a bażi tad-dokumenti ta' identifikazzjoni ppreżentati fil-mument tar-reġistrazzjoni, u għalhekk ma sar ebda żball min-naħa tad-DRP meta ġew irreġistrati dawn l-atti;

7. Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;

8. Illi l-esponent ma jistax jieħu in konsiderazzjoni d-*deed poll* in kwistjoni sakemm l-istess *deed poll* ma jiġix rikonoxxut minn din

l-Onorabbli Qorti, stante illi sabiex jirreġistra atti tal-istat ċivili esteri fir-Reġistru Pubbliku, huwa obbligat li jsegwi l-proċedura kif ikkontemplata fl-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi l-esponent jinnota illi r-rikorrenti, *inter alia*, esebiet mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u evidenza biex turi li l-isem użat minnha huwa 'Viki Kay Croft', u dan naturalment bl-intiża li ssostni t-talbiet kif dedotti minnha. Fid-dawl ta' dan, l-esponent filwaqt illi jerġa' jagħmel referenza għall-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

10. Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, l-esponent jissottometti illi kwalunkwe korrezzjoni li tista' tordna din l-Onorabbli Qorti għandha ssir biss fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti, la darba dan ikun debitament irreġistrat f'pajjiżna, stante illi m'hemm ebda bidla fid-dettalji li kienu jappartjenu lir-rikorrenti qabel iż-żwieġ, u li huwa biss il-kunjom li kull wieħed mill-konjuġi assuma maż-żwieġ li nbidel, skont id-deed polls annessi mir-rikorrenti nnifisha;

11. Illi fiċ-ċirkostanzi, u tenut kont tal-fatt illi għandha ssir annotazzjoni fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ, l-esponent huwa tal-umli fehma li għandu jiġi kkjamat in kawża anke r-raġel tar-rikorrenti, Leslie Dale Croft nee' Flitcroft, u dan sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru;

12. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi

għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrenti, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv, anke in vista tal-fatt illi kunjom ir-rikorrenti fl-atti tat-twelid ta' uliedha diġa' huwa indikat bħala 'Croft' u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li ssir korrezzjoni f'tali atti;

13. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu, salv pero' illi t-tibdil fil-kunjom isir biss fuq l-Att taż-Żwieġ Malti tar-rikorrenti (li għad irid jiġi rreġistrat), billi jiġi korrett il-kunjom li l-konjuġi assumew wara ż-żwieġ. Inoltre, għandu jiġi kkjarifikat jekk it-tibdil rikjest għandux ikun estiż ukoll għall-kunjom li r-raġel adotta wara ż-żwieġ, u dan stante illi mid-dokumentazzjoni disponibbli, jirriżulta li anke hu bidel kunjomu;

14. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

**Ikkunsidrat:**

Rat li saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 27 tal-process.

Fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat fejn partikolarment fid-deed poll esebit a fol. 10 tal-process jirrizulta illi r-rikorrenti nhar it-23 ta' Marzu irrinunzjat ghall-kunjom 'Savage' u minn dakinhar ghazlet li taddotta l-kunjom 'Croft';

Illi in vista ta' din id-dokumentazzjoni u anki tal-affidavit taghha esebit illum stess, huwa inkontestat illi sa mid-data tat-23 ta' Marzu 2007 r-rikorrenti addottat il-kunjom 'Croft' w'ghalhekk l-atti relattivi ghandhom jigu emendati sabiex juru dan il-kunjom.

Illi in vista tad-dokumentazzjoni kollha esebita u tas-suespost il-Qorti se tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti huwa "Viki Kay Croft" u dan mid-data tat-23 ta' Marzu 2007;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid, u dan billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-istess att tat-twelid, u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti fil-poter tad-Direttur intimat sabiex isem ir-rikorrenti jigi indikat u tkun maghrufa bhala "Viki Kay Croft", u dan kull fejn ikun hemm mehtieg;

4. Tilqa’ t-tielet u r-raba’ talba kif dedotti dejjem limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jiġi notifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap l6 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Fiċ-ċirkostanzi bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta’ Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta’ Novembru 2022**